# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 18**

**Rikors numru 615/17/1 LM**

**Dr André Borg *nomine* bħala mandatarju ta'**
**Simone Morabito**

**v.**

**Kunsill Lokali Gżira**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut, il-Kunsill Lokali Gżira, wara deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-12 ta' Ġunju 2020. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ddikjarat lill-Kunsill konvenut responsabbli għall-inċident li ġarrab l-attur nhar it-2 ta' Awwissu 2015 fi

Triq ix-Xatt fil-Gżira, liema inċident seħħ minħabba nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias* da parti tal-istess Kunsill konvenut. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-Kunsill konvenut iħallas danni fl-ammont ta' €26,546.10 (sitta u għoxrin elf, ħames mija u sitta u erbgħin ewro, u għaxar ċenteżmi), bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u jħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. L-attur ressaq is-segwenti talbiet:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-entità intimata kienet unikament responsabbli għall-incident imsemmi u għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-inċident;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-entità konvenuta tħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata u dikjarata baħla dovuta in linea ta' danni;*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali datata tas-sittax (16) ta' Frar 2017 (DOK SM 6) (Ittra Uffiċjali Numru 623/2017) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-entità intimata li hija minn issa nġunta insubizzjoni".*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi fit-tnejn (2) ta' Awwissu 2015, Simone Morabito (Passaport Taljan: AV0371610), illi għan-nom tiegħu qed jaġixxi r-rikorrent Dr André Borg, ġarrab korriment.*
>
> *2. Illi l-korriment seħħ fi Triq ix-Xatt, il-Gżira (faċċata ta' Manoel Island), konsegwenza ta' ħofra li hemm fit-triq preċiż mal-bankina fejn hemm*

*'Mozzarella Bar' (DOK 'SM1');*

*3. Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba nuqqas serju ta' manutenzjoni tat-triq sopraċitata u ħarsien ta' sigurtà daparti tal-entità konvenuta kif se jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi r-rikorrent Simone Morabito irrapporta bl-akkadut lill-pulizija (DOK 'SM 2') ;*

*5. Illi l-inċident de quo ikkawża danni personali u materjali lir-rikorrent Simone Morabito, li kellu jirrikorri għall-kura medika u terapija kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja u dan b'riżultat dirett tal-inċident, kif jista' jigi aċċertat minn dokumentazzjoni medika (DOK 'SM3');*

*6. Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent Simone Morabito soffra danni fuq il-persuna tiegħu u ġrieħi ta' natura serja (DOK 'SM 4') li wasslu għal debilità permanenti ta' 5-6% (vide l-istess DOK 'SM 3') u li għalhekk ir-rikorrenti sofra danni emerġenti (DOK 'SM 5') kif ukoll futuri;*

*7. Illi konsegwentement, l-entità hawn intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrent Simone Morabito permezz ta' ittra uffiċjali tas-sittax (16) ta' Frar 2017 (DOK SM 6), u l-Kunsill Lokali Gżira rrifjuta li jersaq għal tali likwidazzjoni u ħlas ta' danni kif mitlub minnhom;*

*8. Illi peress li l-entità konvenuta baqgħet inadempjenti, kellha ssir din il-kawża sabiex ir-rikorrent Simone Morabito jħares l-interessi tiegħu skont il-liġi;*

*9. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża".*

4. Il-Kunsill konvenut ma ressaqx risposta entro t-terminu ta' għoxrin jum, madankollu wara rikors sabiex tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-kontumaċja tiegħu[1], l-Ewwel Qorti, permezz ta' digriet mogħti seduta *stante*, tat-13 ta' Novembru 2017[2], ippermettiet lill-Kunsill konvenut iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill ressaq is-segwenti risposta:

*"1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ai termini tal-Art. 27 tal-Kap. 363*

[1] *Fol.* 33 sa 35.
[2] *Fol.* 45.

*tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni odjerna kellha tiġi ntentata kontra is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill konvenut bħala rappreżentanti legali u ġuridiċi tal-istess.*

*2. Fit-tieni lok, ukoll in linea prelimari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-attur in kwantu Triq ix-Xatt il-Gżira, qua triq arterjali u/jew distributorja, hija eskluża mir-responsabbiltà tal-esponenti ai termini tal-Art 33(2) tal-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Fil-tielet lok, fil-mertu, l-istanti ma huwiex responsabbli għad-danni subiti mill-attur jekk dejjem dawn jirriżultaw.*

*4. Fir-raba' lok, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur jeħtieġlu jipprova d-danni minnu subiti; fi kwalunkwe każ, il-perċentwali tal-allegata debilità permanenti nvokata mill-attur ma ġietx hekk stabbilita fil-parametri tad-dritt Malti; għalhekk, semmai, din għandha tiġi stabbilita minn periti nominandi, maħtura minn din l-Onorabbli Qorti.*

*5. Fil-ħames lok, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, u jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimat".*

5. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li:

*"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kunsill konvenut;*

*2. Tiddikjara li l-Kunsill konvenut responsabbli għall-incident li seħħ fit-2 ta' Awwissu, 2015, fi Triq ix-Xatt fil-Gżira, fejn weġġa' l-attur, liema inċident seħħ minħabba nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' bonus paterfamilias da parti tal-istess Kunsill konvenut, li għandu jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati lill-imsemmi attur bħala konsegwenza ta' dak l-inċident;*

*3. Tikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallas lill-attur danni ekwivalenti għal €26,546.10 (sitta u għoxrin elf ħames mija sitta u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi).*

*Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-Kunsill konvenut. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-Kunsill konvenut".*

6. Il-Kunsill konvenut (minn issa l-quddiem imsejjaħ ukoll l-appellant) ressaq appell nhar l-1 ta' Lulju 2020 u l-attur (minn issa l-quddiem imsejjaħ ukoll l-appellat) ressaq risposta nhar il-25 ta' Awwissu 2020. Permezz ta' dan l-appell, l-appellant ilmenta rigward (i) l-oneru tal-prova (ii) il-prevedibilità u l-prevenzjoni tas-sinistru (iii) il-kontributorjetà (iv) in-nuqqas ta' prova skont il-liġi.

**Fatti**

7. Fir-rigward tas-sinistru u d-dinamika tal-istess din il-Qorti rat li kif l-attur ħareġ minn stabbiliment tal-ikel ġewwa Triq ix-Xatt, il-Gżira, li dak iż-żmien kien ħanut li jbiegħ ikel Tork bl-isem Tabakk, l-attur niżel minn fuq il-bankina għat-triq u tfixkel f'ħofra u lewa siequ quddiem stabbiliment ieħor tal-ikel magħruf bħala Mozzarella Bar. Il-ħin kien għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija u l-attur jgħid li t-triq kienet mudlama.

8. Fir-rigward tad-dinamika tal-akkadut tressqu s-segwenti provi, hekk kif miġbura mill-Ewwel Qorti:

- L-Attur Simone Morabito xehed:

> *"L-attur Simone Morabito xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit8 , li ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2018. Irrileva li fit-2 ta' Awwissu, 2015, hu kien jinstab Malta għal btala ta' sebat ijiem. Dakinhar hu kien ħareġ jiekol flimkien ma' żewġt iħbieb tiegħu f'lokal Tork magħruf bħala 'Tabbak', li kien jinstab fi Triq ix-Xatt, il-Gżira.* ***<u>Huma spiccaw jieklu għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija u hekk kif ħareġ mir-restaurant u</u>***

***niżel il-bankina għal ġot-triq, tfixkel f'ħofra u waqa'. L-attur qal li f'dik il-lokalità it-triq kienet mudlama sew. Huwa kien lewa siequ u tant kemm kien muġugħ, bilkemm seta' jiċċaqlaq.*** *Siequ bdiet tintefaħ u l-ħbieb tiegħu ħaduh fir-restaurant tagħhom fejn għamel is-silġ fuqha. Imbagħad ħaduh lura lejn il-lukanda bil-karozza u tawh l-għajnuna tagħhom. L-għada l-uġigħ kien agħar u għalhekk talab lil-lukanda għal tabib. Invistah fil-lukanda stess it-Tabib Adrian Vella li tah parir imur mill-ewwel l-Isptar għaliex kien kiser siequ tax-xellug. Hemm it-Tabib Das ikkonferma l-ksur u għamlulu faxxa u ngħata wkoll krozzi. Minn hemm mar l-Għassa tal-Pulizija fejn għamel rapport. L-inċident seħħ fit-tieni ġurnata tal-mawra tiegħu u għalhekk tħassret il-kumplament tal-btala tiegħu. Spjega li hu kien inkorra diversi spejjeż mediċi kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja minħabba l-inċident inkwistjoni u sussegwentement bagħat diversi ittri ġudizzjarji lill-Kunsill konvenut fejn talab kumpens għad-danni reali sofferti minnu".*

In kontroeżami xehed:

*"Imbagħad fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019, xehed in kontroeżami l-attur.20 Ma setax jiftakar jekk qabel daħal fir-restaurant hu kienx ra l-ħofra. Ikkonferma li hu biss kien waqa' fil-ħofra u li kemm it-triq u wkoll il-bankina ma kienux imdawla sew. Wara l-inċident, hu kien mar ir-restaurant tal-ħbieb tiegħu fejn għamel is-silġ fuq siequ u minn hemm ħaduh il-lukanda u Samuele għenu jimxi sal-kamra tiegħu għaliex kien muġugħ sew. L-għada filgħodu kien għadu muġugħ sew, saħansitra ma setax jimxi, u għalhekk staqsa lil-lukanda għal tabib. Dan mar jarah għall-ħabta tad-9.30 ta' filgħodu u qallu li kellu ksur u tah parir sabiex imur l-Isptar. Kien il-ħabib tiegħu Samuele li waslu l-Isptar fejn ingħata wheelchair. Hemmhekk it-Tabib Das spjegalu li l-attur kellu jiddeċiedi jekk isirx intervent kirurġiku fuq siequ hawn Malta jew din tiġi nfaxxata sew u d-deċiżjoni tittieħed mat-tabib ġewwa pajjiżu. Fil-fatt it-tabib tah parir sabiex jagħmel dan tal-aħħar u hu ngħata wkoll krozzi. Wara l-Isptar, il-ħabib tiegħu Samuele ħadu l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan. Huwa kien telaq minn Malta sitt ijiem wara, kif kien ippjana l-btala tiegħu, u dakinhar tal-inċident kien proprju t-tieni jum taż-żjara tiegħu. Hu qatta' dawk il-ġranet fil-kamra tal-lukanda waħdu u mar darbtejn jiekol mal-ħbieb tiegħu fir-restaurant tagħhom. Hu baqa' juża l-krozzi l-ħin kollu u wasal sal-ajruplan permezz ta' wheelchair. L-Italja kienet ittieħdet deċiżjoni mit-tobba sabiex ma jsirx intervent kirurġiku u lanqas ġibs, iżda kellha ssir biss faxxa soda. Għal dak li kien jirrigwarda l-introjtu tiegħu, spjega b'riferiment għad-dokumenti esebiti a fol 173, 175 u 177 li dan kien żdied sostanzjalment wara s-sena 2015 għaliex kien beda jaħdem ma' ditta legali. In ri-eżami kkonferma li l-kopji tal-irċevuti ppreżentati minnu huma kopji vera tal-oriġinali. Hu spjega li xi kultant għadu jħoss uġigħ f'siequ u ma jistax jiġri għat-tul ta' ħin li kien qabel u saħansitra kellu jieqaf milli jipprattika l-arti marzjali. Ukoll ċertu żraben iħosshom skomdi wara ġurnata bihom u jkollu jbiddilhom għal oħrajn aktar rotob".*

- Giorgia Gaglio (li kienet preżenti mal-attur fil-ħin tal-inċident) xehdet:

> *"Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, xehdet bl-ilsien Taljan Giorgia Gaglio prodotta mill-attur. Qalet li huma kienu jafuh sew lill-attur għal kważi dawn l-aħħar tletin sena, u saħansitra kien qagħad xhud fit-tieġ tagħhom. Huwa kien ġie Malta għal xi tlieta jew erbat ijiem u hi u r-raġel tagħha Samuele kienu preżenti fil-ħin tal-inċident. Huma kienu marru jieklu f'restaurant ġewwa l-Gżira u hekk kif spiċċaw għall-ħabta tas-seba' meta kien dlam, l-attur kien niżel minn fuq il-bankina u baqa' nieżel f'ħofra fit-triq li kienet kbira u pjuttost fonda. Ix-xhud indikat b'salib kulur ikħal fejn kien seħħ l-inċident fuq ir-ritratt li jinsab esebit a fol. 6 tal-proċess. Ix-xhud spjegat li l-attur kien poġġa siequ ħażin u donnu għal mument kien tilef il-bilanċ, u qal "Aia che male". Hu daħal fil-karozza bil-kwiet, iżda ma setax jimxi sew u għalhekk marru miegħu sal-lukanda tiegħu, il-Hilton. Iżda qabel waqfu fir-restaurant li huma kienu jiġġestixxu ġewwa San Giljan sabiex jistrieħ u fejn għamlulu s-silġ. Wara li l-attur mar fil-lukanda tiegħu, ix-xhud jidhrilha li kien ċempel tabib li qallu sabiex iserraħ siequ għaliex din kienet saħansitra intefħitlu. Meta mar lura Torino, għamlulu siequ fil-ġibs. Żiedet tgħid li hemmhekk l-attur kien jaħdem bħala avukat".*

In kontroeżami xehdet:

> *"Xehdet in kontroeżami bil-lingwa Taljana Giorgia Gaglio19 waqt l-udjenza tal-10 ta' April, 2019, kif prodotta mill-Kunsill konvenut. Ikkonfermat li dak iż- żmien tal-inċident, huma kienu joqgħodu viċin ta' fejn seħħ l-inċident u li hemm kien hemm diversi stabbilimenti li kellhom id-dawl u kien hemm ukoll id-dawl tat-triq. Ma setgħetx tiftakar il-ħin meta huma kienu ħarġu mir-restaurant. Hija ma kienetx taf bil-ħofra fit-triq. Ikkonfermat li l-attur dak il-ħin tal-inċident ma kienx qiegħed juża l-mobile tiegħu u ma kien qed iġorr xejn f'idejh. Qalet li l-attur kien talabhom sabiex jieħduh lura l-lukanda għaliex kien qed iħossu skomdu bl-uġigħ u ma setax jimxi, iżda qalilhom li jekk l-uġigħ kien ser iżid, allura hu kien ser imur l-Isptar. Hija kienet baqgħet sejra għax-xogħol fejn aktar tard wasal ukoll ir-raġel tagħha. Sussegwentement iltaqgħet mal-attur wara li kienu għamlulu l-faxxa u kien ir-raġel tagħha li kien imur għalih u jġibu fir-restaurant li kienu jiġġestixxu. Qalet li l-attur imbagħad kien ħassar il-btala tiegħu sabiex irritorna lura l-Italja xi jumejn wara, fejn għamlulu l-ġibs".*

- Samuele di Lecce (li kien preżenti mal-attur fil-ħin tal-inċident)

xehed:

> *"Imbagħad waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018, xehed żewġha Samuele Di Lecce10 , ukoll bil-lingwa Taljana, prodott mill-attur. Spjega li hu kien ilu jaf lill-attur għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena u kien qagħad xhud fit-tieġ tiegħu. Meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kien ġie jżurhom hawn Malta. Dakinhar huma kienu marru jieklu f'restaurant Tork fil-Gżira faċċata ta' Manoel Island. Hekk kif kien ser jidħol fil-karozza tagħhom, sema' lill-attur jgħid "aia, aia, aia", u meta saqsih x'ġara, wieġbu li kien lewa sew siequ hekk kif spiċċa f'ħofra. L-uġigħ bil-lejl kien żdiedlu lill-attur tant li kien mar l-isptar 'l għada. L-inċident kien seħħ meta kważi kien għadu jasal hawn Malta u sussegwentement għall-incident, l-attur kien baqa' fil-lukanda tieghu u saaħnsitra x-xhud kien imur jarah hemm minħabba d-diffikoltà li kien qed isib l-attur sabiex imur hu. L-attur kien ġie hawn Malta kemm għal raġunijiet ta' xogħol minħabba li x-xhud kien juża s-servizzi tiegħu, kif ukoll għall-btala. Ix-xhud qal li l-attur kien dam gimgha hawn Malta u sussegwentement għamel tliet ġimgħat ġewwa l-Italja b'siequ fil-ġibs".*

In kontroeżami xehed:

> *"Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019, ġie prodott mill-Kunsill konvenut in kontroeżami Samuele Di Lecce. 18 Hu xehed bil-lingwa Taljana fejn qal li hu kien joqgħod il-Gżira stess, iżda għalkemm kienu jkunu ta' spiss fl-inħawi ta' fejn ġara l-inċident, huma qatt ma għamlu rapport dwar il-ħofra inkwistjoni. Spjega li għalkemm l-inħawi huma mdawla, xorta waħda wieħed ma setax jara sew. Dwar il-ħofra kompla jgħid li din kienet tinstab hekk kif tispiċċa l-bankina bejn żewg vetturi pparkeġġjati. Stqarr li l-inċident kien proprju wieħed sfortunat għaliex dak li jkun ma setax jara sew, kemm għaliex il-ħofra kienet hemm taħt fejn kien hemm ukoll id-dlam riżultat ta' kif kien id-dwal tal-lokal fuq il-bankina, kemm għaliex kien id-dlam. Min-naħa tiegħu ma setax jgħid x'kien qed jagħmel l-attur dak il-ħin tal-inċident. Huma ma kienux marru mill-ewwel l-Isptar wara li seħħ l-inċident u l-attur kien qallu li kien imweġġa' sew u sabiex jieħdu lura l-lukanda. L-attur kien mexa waħdu iżda kien qed izappap. L-għada kien ċempillu u qallu li tassew ma felaħx aktar bl-uġigħ u kien mar l-Isptar b'taxi. Filgħaxija mar jilqgħu fil-lukanda u l-attur ħareġ jimxi bil-krozzi. L-attur kien baqa' hawn Malta ħamest ijiem oħra u dawn qattagħhom fil-lukanda fejn ix-xhud kien imur jarah".*

9. Fir-rigward ta' xogħlijiet li għamel il-Kunsill u li kien normalment jagħmel fil-lokalità tressqet is-segwenti xhieda:

- Is-Sindku tal-Kunsill konvenut xehed:

*"Is-Sindku tal-Kunsill konvenut Conrad Borg Manché 14 xehed waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2019. Irrileva li hu kien ilu fil-kariga msemmija sa mill-1 ta' Mejju, 2015. Spjega li hekk kif il-Kunsill konvenut ikollu rapport dwar ħofra fit-triq, hu stess mill-ewwel imur jagħmel verifika jew jibgħat lill-handyman. Fejn ġara l-inċident kienu jipparkjaw il-karozzi, allura ċertu ħofor wieħed ma setax jarahom. Stqarr li l-inċident inkwistjoni kien l-uniku wieħed fejn l-individwu kien bil-pass u mhux b'vettura jew mutur. Ikkonferma li l-Kunsill konvenut kien wieġeb lill-attur permezz ta' ittra datata 28 ta' April, 2006, liema ittra ġiet ippreżentata fl-istess udjenza u mmarkata bħala Dok. CBM1. 15 Stqarr li l-allegata ħofra fit-triq kienet żewg pulzieri fonda u riżultat ta' difett fit-tarmac. Ma jidhirlux li l-Kunsill konvenut għamel xogħol fuqha".*

In kontroeżami xehed:

*"Xehed is-Sindku tal-Kunsill konvenut in kontroeżami21, waqt l-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019, kif prodott mill-istess Kunsill konvenut. Xehed li l-Kunsill kien jinkariga nies għall-fini ta' manutenzjoni tat-toroq u b'hekk jieħu ħsieb mill-ewwel fejn tinfetaħ xi ħofra bix-xita. Hekk ukoll isir meta jirċievu rapport mill-pubbliku. Il-ħofra inkwistjoni l-Kunsill konvenut ma kienx jaf biha u lanqas ma kien irċievha lmenti dwarha mingħand il-pubbliku. Spjega li t-triq kellha difett in kwantu teqleb lejn il-ħwienet u wkoll kienet mibnija fuq ir-radam u għalhekk dejjem nieżla. Ikkonferma li l-post fejn tinstab il-ħofra inkwistjoni hu mdawwal sew kemm permezz tad-dawl tat-triq u wkoll permezz tad-dawl tal-ħwienet".*

- Is-segretajru tal-Kunsill konvenut xehed:

*"li huwa kienu ilu fil-kariga tiegħu sa minn Ottubru 2016, iżda seta' jikkonferma li ma kien hemm l-ebda ilment dwar il-ħofra inkwistjoni. Hu sar jaf biss b'din il-ħofra fis-Sajf 2017 meta l-Kunsill konvenut irċieva d-dokumenti mill-Qorti. Spjega kif il-Kunsill konvenut kien jieħu azzjoni kif jirċievi lment mill-pubbliku dwar xi ħofra, iżda wkoll l-impjegati tiegħu kienu jieħdu ħsieb f'każ bħal dak. Il-Kunsill konvenut min-naħa tiegħu jżomm informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li jkunu saru. Ix-xhud ikkonferma li mill-informazzjoni miżmuma mill-Kunsill konvenut ma kienetx tirriżulta l-eżistenza ta' din il-ħofra, iżda hu min-naħa tiegħu ma kienx ikkonferma mal-handymen jekk kienux jafu biha".*

10. Skont ir-rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras[3], inkarigat mill-Ewwel Qorti permezz ta' digriet tal-14 ta' Jannar 2019[4] l-attur qed ibati minn debilità permanenti ta' 1%. Skont xhieda tat-tabib tal-emerġenza ta' Mater Dei t-Tabib Satya Brata Das lill-attur ma għamlulux ġibs iżda faxxa u dan ħabba n-natura tax-xquq li kellu fl-għadam. Mr Carmel Sciberras xehed in eskussjoni:

> *"Mistoqsi dwar il-metodu ta' trattament tal-ksur, Mr Carmel Sciberras wieġeb li huwa ma seta' jeskludi xejn għaliex dejjem hemm il-possibilità ta' kumplikazzjonijiet mhux mistennija. Jgħid li mhux neċessarjament il-ġibs kien l-ahjar soluzzjoni għall-attur u s-soluzzjoni kienet tistrieħ fuq kif ħasbuha t-Taljani vis-à-vis il-Maltin. Huwa sejjaħ is-soluzzjoni tal-ġibs bħala metodu ieħor u mhux neċessarjament metodu aktar intensiv. Il-frattura setgħet ġiet għall-agħar b'xi waqa', iżda l-attur ma kienx qallu li waqa'. Min-naħa tiegħu ma kellu l-ebda raġuni għaliex jiddubita dak li qallu l-attur għaliex dan kien konsistenti ma' dak li jiġri f'każijiet simili. Kien konsistenti ukoll ma' dak li rriżulta minn ezami tiegħu u l-probabbilità kienet li l-inċident kien ikkawża l-frattura. Ħafna drabi fratturi simili kienu jfiequ mingħajr ħafna konsegwenzi. Fil-każ tal-attur, l-inċident ma affettwatlux l-għixien tiegħu, iżda xi ftit il-mixi u l-ġiri. Dan irriżulta wara erba' snin u allura wisq probabbli l-konsegwenzi kienu ser ikunu permanenti u li jinħassu".*

- It-tabib tal-emerġenza xehed:

> *"Hu kien ra lill-attur f'Awwissu 2015 u minn X-ray sab li dan kellu ksur f'siequ tax-xellug u d-dokument inkwistjoni kien tahulu sabiex jgħaddih lit-tabib tiegħu ġewwa l-Italja meta jmur lura hemm. Huma kienu nfaxxawlu siequ u tawh il-krozzi sabiex ma jimxix fuqha. Ix- xhud spjega li wisq probabbli din id-deċiżjoni kienet ittieħdet wara li hu kkonsulta mal-ispeċjalista tal-ortopedija. Ix-xhud ikkonferma wkoll li d-dokument esebit mill-attur u mmarkat bħala Dok. SBD213 , kien referral sheet. In kontroeżami spjega li meta l-ksur jikkonsisti f'xaqq fl-għadam, il-proċedura hija li jiġi nfaxxat il-ksur u l-individwu jgħidulu sabiex jimxi bil-krozzi li jingħata għal dan il-għan".*

---

[3] *Fol.* 239 *et seq.*
[4] *Fol.* 146.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-**ewwel u t-tieni aggravju** kontestwalment.

12. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti donnha pretendiet li kien jinkombi fuq il-Kunsill li jipprova li ma kienx responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Jilmenta li ma jaqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-Qorti u dan għaliex l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili tipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Dan il-prinċipju jsib suffraġju f'diversi sentenzi li jenfasizzaw il-massimu li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Dan ifisser li l-appellant ma kellu l-ebda obbligu li jressaq prova li teħilsu mir-responsabbilità tal-inċident iżda kien jinkombi fuq l-attur li jressaq provi tajbin. Jisħaq li għalkemm huwa minnu li min iressaq difiża jkun fl-obbligu li jipprova, però l-Ewwel Qorti donnha imponiet obbligu pożittiv li jegħleb xi preżunzjoni *iuris tantum* ta' responsabbilità.

13. Jgħid li l-fatt waħdu li l-attur kellu inċident fi triq li taqa' taħt ir-responsabbilità tal-appellant ma jikkostitwix prova suffiċjenti tar-responsabbilità tal-appellant fi grad li jpoġġi fuq l-appellant l-oneru tal-prova, u dan anke għaliex ma tressqet l-ebda prova mill-attur li tirrifletti

dan; u dan għaliex ma tressqet l-ebda prova ta' xi att jew ommissjoni konkreta attribwibbli lill-appellant.

14. Jgħid li hemm differenza bejn li l-appellant irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu li permezz tagħha kien qed jikkontesta r-responsabbilità għall-manutenzjoni tat-triq u l-aċċettazzjoni tar-responsabbilità għas-sinistru u danni mertu tal-kawża. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ekwiparat ir-rinunzja għat-tieni eċċezzjoni ma' aċċettazzjoni ta' responsabbilità *stricto iure.* Li filwaqt li bl-irtirar tat-tieni eċċezzjoni l-attur appellat ma kellux għaliex iressaq prova fuq l-entità responsabbli mill-manutenzjoni tat-triq, ma jfissirx li ma kellux iressaq evidenza fuq l-inċident innifsu. Li l-provi mressqa mill-attur ma kinux suffiċjenti.

15. **L-Attur appellat** iwieġeb li filwaqt li l-Kunsill appellant ressaq il-provi, dawn ma kinux biżżejjed biex jirnexxilu jirribatti l-provi mressqa minnu u l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-appellant ma rnexxilux jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti, u dan meta fil-kamp ċivili l-qorti tistrieħ fuq dik il-verżjoni l-aktar plawsibbli. Jisħaq li l-appellant qed jekwivali l-*onus probandi* mal-aspettattiva li l-parti konvenuta tirribatti t-teżi tar-rikorrenti, meta li tirribatti ma jfissirx li l-*onus probandi* jdur fuqek.

16. Li f'dan il-każ l-attur ressaq dawk il-provi neċessarji u wara li l-Ewwel Qorti studjat dan irriżultala li l-ħofra li kkawża s-sinistru kien *an*

*accident waiting to happen*. Li l-mertu ma kienx wieħed ikkumplikat u l-Ewwel Qorti leġittimament kienet sodisfatta bin-ness prossimu u immedjat bejn il-kawża u effett u tefgħet il-ħtija fuq il-Kunsill appellant, filwaqt li l-Kunsill naqas milli jirribatti dan.

17. Permezz **tat-tieni aggravju** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx li l-appellant adopera dawk is-sistemi mistennija u meħtieġa biex jiġi evitat is-sinistru, tant li huwa adempixxa l-obbligu tiegħu li jaġixxi ta' *bonus paterfamilias* u dan meta anqas l-attur ma kkontesta li l-Kunsill appellant ma għandux sistemi li permezz tagħhom jaħseb għall-manutenzjoni tat-toroq. Dan ġià konfermat mis-Sindku tal-lokalità stess u ċjoè li jitqabbdu nies apposta biex iduru l-lokalità u jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji.

18. Li l-fatt waħdu li seħħ l-inċident ma jfissirx li awtomatikament hemm min għandu jitqies responsabbli għad-danni konsegwenzjali, partikolarment fejn ittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji. Kieku dan ma kienx il-każ ma jeżistix il-kunċett tal-*casus* fid-dottrina legali. Jingħad ukoll li tali aggravju tressaq għaliex ġie konċess li l-Kunsill għandu dawk is-sistemi li bihom jissorvelja t-toroq li għandu taħt ir-responsabbilità tiegħu, li jieħu rwol attiv fil-manutenzjoni minn jeddu anke bi tweġiba għall-ilmenti li jaslu mill-pubbliku. Dan però ma jfissirx li l-Kunsill jista' jkun jaf b'dak kollu li qed jiġri. L-attur ma ressaqx prova rigward kemm kienet ilha

preżenti l-ħofra mertu tal-kawża, filwaqt li l-Kunsill ressaq prova li ħadd mill-pubbliku ma kien irraporta u li l-Kunsill ma kellu l-ebda għarfien. Jgħid li l-ħofra u d-difett fit-*tarmac* li semma s-sindku tal-lokalità fix-xhieda tiegħu ma kinitx relatata mal-ħofra li waqa' fiha l-attur. Jargumenta li ftit li xejn jiswa li l-Kunsill naqas milli jsewwi l-imsemmija ħofra wara l-inċident inkwistjoni għaliex dak li jgħodd huwa l-aġir tal-Kunsill qabel seħħ l-inċident.

19. Jisħaq li r-rekwiżiti f'kawża ta' dan it-tip huma tlieta u ċjoè l-prova tad-dannu arrekat jinkombi fuq min jallegah, il-kondotta kolpuża tal-konvenut, in-ness kawżattiv bejn tali danni u kondotta. Jisħaq li ma tressqu l-ebda provi li jissodisfaw it-tieni element u li l-Ewwel Qorti marret parzjalment lil hinn minn dak li jitlob it-tielet element. Konsegwentement is-sentenza għandha tiġi revokata u dan għaliex hemm raġunijiet serji li jitfgħu dubju fuq l-apprezzament tal-provi.

20. **L-attur wieġeb** li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hi bbażata fuq ġurisprudenza konsistenti fejn il-Qorti annalizzat il-poteri u responsabiltajiet tal-kunsill lokali u dan anke b'referenza għall-ġurispridenza fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li l-kunsill lokali għandu l-obbligu jmantni t-triq. Il-fatt li l-Kunsill ma rċeviex rapport mill-pubbliku, ma jfissirx li l-appellant hu eżenti milli jispezzjona t-triq u li anke wara li sar jaf bl-inċident ma għamel l-ebda riparazzjoni. Konsegwentement,

huwa diffiċli li jifhem li l-appellant mexa bħala *bonus paterfamilias.* Konsegwentement, dak li xehed is-sindku hu kontradett għaliex snin wara, il-ħofra baqgħet ma tranġatx. Inoltre jisħaq li fejn l-appellant jargumenta li l-attur ma ressaqx prova ta' kemm kienet ilha hemm il-ħofra jingħad li l-attur kien biss fuq vaganza, ma kienx midħla tal-post u ma setax jipprevedi li ser ikun hemm ħofra fuq il-mant tat-triq.

21. **L-Ewwel Qorti** għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq il-kwistjoni tar-responsabbilità:

> *"It-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni Responsabbilità Il-Kunsill konvenut qed jikkontendi li huwa mhux responsabbli għal dawk id-danni li jistgħu jirriżultaw li sofra l-attur. Iżda din il-Qorti hija tal-fehma li l-istess Kunsill konvenut ma rnexxilux iressaq provi konvinċenti biżżejjed sabiex teħilsu minn kwalunkwe responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Wara li rtira it-tieni eċċezzjoni tiegħu, ma baqax kontestat il-fatt li r-responsabbilità għall-manutenzjoni ta' Triq ix-Xatt hija proprju tal-Kunsill konvenut. Huwa proprju għalhekk li s-Sindku tal-Kunsill konvenut, jiġifieri Conrad Borg Manché 25 , u wkoll is-Segretarju Ezekuttiv Antoine Attard26 , jgħidu waqt ix-xhieda rispettiva tagħhom, li l-istess Kunsill konvenut iqabbad in-nies sabiex iduru t-toroq u jagħmlu l-manutenzjoni li jkun hemm bżonn li ssir, kemm minn rajhom kif ukoll wara li jkunu tkellmu mas-Segretarju Ezekuttiv. Jirriżulta wkoll mill-istess xhieda li l-Kunsill konvenut jircievi l-ilmenti wkoll minghand il-pubbliku direttament. Dawn jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv, li mbagħad iħejji lista tax-xogħlijiet neċessarji u jgħaddiha lill-handyman tal-Kunsill konvenut.*
>
> *Fil-kaz odjern, skont is-Sindku l-Kunsill konvenut ma kien irċieva l-ebda rapport min-nies tiegħu u lanqas xi lment minghand il-pubbliku dwar il-ħofra inkwistjoni. 27 Is-Sindku kompla jispjega li l-hofra kienet riżultat ta' difett fit-tarmac li sar fiż-żmien tas-Sindku li kien hemm qabel dak ta' qablu. B'hekk it-triq ġiet teqleb 'il ġewwa minflok lejn il-baħar. Barra minn hekk it-triq kienet mibnija fuq ir-radam u għalhekk dejjem nieżla ftit ftit. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li allura l-Kunsill konvenut kellu d-dover li jagħti aktar attenzjoni għall-manutenzjoni ta' din it-triq jekk kien jaf bil-problemi tal-istruttura tagħha, iżda xejn minn dan ma jirriżulta mill-provi. Anzi, saħansitra wkoll wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Kunsill konvenut baqa' passiv. It-twegiba tas-Sindku tal-Kunsill konvenut Conrad Borg Manché għall-mistoqsija jekk*

*il-Kunsill konvenut kienx għamel xi ħaġa dwar il-ħofra inkwistjoni, kienet li "ma jidhirlix li sar intervent", anzi jkompli jgħid li "probabbli għadha hemm …"28 . Meta xehed is-Segretarju Eżekuttiv29 , dan żied jgħid fuq mistoqsija ta' din il-Qorti stess, li hu saħansitra lanqas kien staqsa lill-handymen jekk kienux jafu bil-ħofra inkwistjoni u jekk iva, allura x'kien sar.*

*Il-Qorti tifhem li wisq probabbli almenu sad-data tal-udjenza fejn xehed is-Sindku, il-ħofra kienet saħansitra għadha hemm, jiġifieri kważi erba' snin wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-Kunsill konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attur. Fil-kamp ċivili kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' bonus paterfamilias, kif imfissra fis-subartikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li l-Kunsill konvenut naqas mill-obbligi tiegħu ta' manutenzjoni ta' Triq ix-Xatt fejn seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni u għalhekk għandu jġorr ir-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni.*

*Stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida dawk id-danni".*

22. Din il-Qorti tqis li la ma hemmx diverġenza rigward id-dinamika tal-inċident u dan fil-fatt seħħ. Ma tqajjem l-ebda dubju li seħħ fil-lokalità tal-Gżira, fit-triq inkwistjoni, fil-ħin u li seħħ kif seħħ. Dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tindaga jekk il-Kunsill kellux xi responsabbilità għal dan l-inċident. Il-Kunsill sostna li ma kienx jaħti għall-inċident.

23. L-attur ressaq il-provi tiegħu, spjega kif waqa', fejn waqa' u li miegħu kien hemm tnejn minn sħabu. Ma ġiex kontradett li din il-ħofra kienet hemm u kienet ir-raguni għall-inċident. Dan biss kellu u seta' jipprova l-attur. Rappreżentanti tal-Kunsill Lokali xehdu li ma kinux jafu b'din il-ħofra u li l-Kunsill ma jistax ikun jaf b'kull ħofra li teżisti fil-lokalità.

24. Madankollu l-Qorti tqis li anke jekk il-Kunsill għandu dawk is-sistemi

f'posthom biex jindirizza xogħol ta' manutenzjoni neċessarju fil-lokal, u fejn anke l-pubbliku jista' jirraporta dak li jara, ma jfissirx li l-pubbliku neċessarjament ser jirraporta fuq kollox jew inkella li f'dan il-każ id-difett kien rah xi ħadd qabel. Mhux ir-responsabbilità tal-pubbliku li jinfurmaw lill-Kunsill b'kull difett li jista' jġib periklu, iżda jinkombi fuq il-Kunsill li jipprevjeni sorsi ta' inċidenti b'superviżjoni regolari.

25. Xejn ma jeżenta l-Kunsill mir-responsabiltajiet tiegħu. Ma jfisser xejn li f'istanzi oħra ħa ħsieb jagħmel il-manutenzjoni, anzi kkonferma li l-Kunsill ikun *on the lookout* għall-dawn it-tip ta' kwistjonijiet infrastrutturali, iżda f'dan il-każ ħarbitlu u b'hekk ma setax jindirizza l-kwistjoni. Fir-rigward ta' kif żviluppat il-ħofra din il-Qorti ma tqisx li dan ibiddel wisq. Ma saret ebda prova li din il-ħofra żviluppat dak il-ħin jew ftit qabel l-inċident.

26. Ir-responsabbilità tal-manutenzjoni tat-triq inkwistjoni taqa' f'idejn l-appellant, fuq kollox il-Kunsill stess irtira dik l-eċċezzjoni li permezz tagħha eċċepixxa li ma kellux responsabbilità.

27. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Avv. James D'Agostino *nomine* v. Hotel San Antonio p.l.c (C-302) u Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Mejju 2022**, fejn f'ċirkostanzi simili, l-attur ukoll ġarrab ġrieħi wara li waqa' f'ħofra, f'dak il-każ kienu għaddejjin xogħlijiet (minn terza persuna). Il-Qorti tal-Appell

ċaħdet l-appell tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar u qieset:

> *"18. Il-Qorti tirrileva li għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri l-fatt li kien jinkombi fuq is-soċjeta` konvenuta li tagħmel it-tiswija neċessarja fil-bankina biex tassigura li l-pubbliku ma jiġix espost għall-periklu, u/jew li tipprovdi s-senjaletika meħtieġa biex il-pubbliku jiġi mwissi dwar il-periklu li kien hemm fuq il-bankina ma teżonerax awtomatikament lill-appellant kif donnu jippretendi fl-argumentazzjoni tiegħu.* ***Fir-rigward tal-postijiet pubbliċi li jaqgħu entro r-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali, ir-responsabbilita` tal-istess Kunsill Lokali mhijiex limitata biss għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet u ta' manutenzjoni iżda tinkludi wkoll obbligi ta' viġilanza u kontroll. Dan ifisser li l-Kunsill Lokali appellant kellu d-dover li jassigura li l-bankina in kwistjoni, li mhuwiex kontestat li taqa' entro l-konfini tar-responsabbilita` tiegħu, ma tkunx ta' periklu għall-pubbliku, indipendentement mill-kawża ta' dan il-periklu. Il-Kunsill Lokali kellu l-obbligu li fejn jirriżulta xi periklu għall-pubbliku jieħu l-passi neċessarji għas-salvagwardja tal-pubbliku, anke jekk imqar billi jagħmel senjaletika li twissi lill-pubbliku dwar il-periklu waqt li jieħu passi kontra t-terz li kkawża dak il-periklu sabiex jagħmel it-tiswija neċessarja, jew jekk ikun hemm bżonn billi jagħmel it-tiswija neċessarja hu stess, dejjem bi dritt ta' rivalsa kontra t-terz li kkawża l-periklu.(emfażi miżjuda ta' din il-Qorti).***
>
> *19. F'dan il-każ irriżulta mill-provi li, għall-kuntrarju ta' dak li argumenta l-appellant, il-Kunsill Lokali kien fil-fatt jaf dwar ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru mis-soċjeta` konvenuta, u dan ġie kkonfermat saħansitra mis-sindku ta' dak iż-żmien, Paul Bugeja, u wkoll minn Sandra Grech li kienet ukoll taħdem fil-Kunsill Lokali appellant dak iż-żmien. Għalhekk ma jistax jingħad li l-Kunsill Lokali ma kienx jaf dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru mis-soċjeta` konvenuta ġaladarba l-ogħla uffiċjal fi ħdan il-Kunsill Lokali stess kien jaf b'dawn ix-xogħlijiet.* ***Fi kwalunkwe każ, ġaladarba l-Kunsill Lokali kellu obbligu legali ta' viġilanza u kontroll fuq dawk il-postijiet pubbliċi li jinsabu entro l-konfini tiegħu, il-Kunsill Lokali ma jistax jaħrab mir-responsabbilita` billi jgħid li ma kienx jaf li kienu qed isiru xogħlijiet, għaliex il-Kunsill Lokali kellu obbligu legali proprju li jissorvelja l-postijiet pubbliċi li jaqgħu entro l-konfini tiegħu u jiżgura li dawn huma idoneji għall-użu tal-pubbliku, jew jieħu l-passi neċessarji biex jipproteġi lill-pubbliku jekk irriżultalu li ma kinux. Mill-provi jirriżulta manifestament li l-Kunsill Lokali appellant naqas minn dan l-obbligu u għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li anke hu għandu jwieġeb għad-danni sofferti mill-attur. (emfażi miżjud ta' din il-Qorti).***
>
> *20. Il-Qorti tqis ukoll infondat l-argument tal-Kunsill Lokali appellant li r-responsabbilita` tiegħu mhijiex fl-istess grad tas-soċjeta` appellanta. Kif diġa` ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, huwa rrelevanti li l-ħofra fil-bankina ma saritx mill-Kunsill Lokali jew min-nies inkarigati minnu. Il-Kunsill Lokali*

*appellant kellu dover li jissorvelja l-postijiet pubbliċi li huma entro l-konfini tiegħu u jara li dawn mhumiex ta' periklu għal min jużahom. Huwa ċar li l-Kunsill Lokali m'għamilx dan, u għalhekk huwa ugwalment responsabbli daqs is-soċjeta` konvenuta għan-nuqqas ta' inkolumita` ta' min ikun qed juża l-bankina.* ***Il-Qorti tqis li l-Kunsill Lokali appellant ma jistax lanqas ifarfar mir-responsabbilita` tiegħu għall-akkadut billi jgħid li m'għandux riżorsi suffiċjenti sabiex jissorvelja l-arja kollha li tinsab entro l-konfini tar-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali. Il-liġi timponi obbligu fuq il-Kunsill Lokali, li jieħu ħsieb iż-żamma tal-bankini li jaqgħu entro l-konfini tiegħu u kwistjonijiet dwar riżorsi adegwati sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jagħmel dan b'mod xieraq huma kwistjonijiet bejn il-Kunsill Lokali u l-amministrazzjoni pubblika biss, u bl-ebda mod ma jistgħu jippreġudikaw lill-pubbliku. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-responsabbilita` fiċ-ċirkostanzi għandha tibqa' kif qalet l-ewwel Qorti u li din il-Qorti ma tqisx li jeżistu l-estremi li tiddipartixxi mill-fehma tal-ewwel Qorti.(emfażi miżjud minn din il-Qorti)".***

28. Tassew din il-Qorti tqis li l-fatti tal-każ odjern huma sempliċi. Fil-parametri ta' din l-azzjoni ċivili dak li għandu jkollha quddiemha l-Qorti mhijiex prova ta' realtà assoluta iżda bilanċ ta' probabiltajiet. Kif qieset l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-attur korra f'ħofra li kienet tinsab f'lok li kien responsabbli minnu l-Kunsill. Konsegwentement dawn l-aggravji qed jiġu miċħuda.

29. Permezz **tat-tielet aggravju** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-aġir tal-attur stess kien ikkontribwixxa għall-ġrieħi li ġarrab, u dan jingħad għaliex l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li kien hemm nuqqasijiet attribwibbli lill-attur li servew għad-dannu li soffra l-attur jew tal-anqas żiedu l-istess. Jargumenta li huwa mgħallem li l-awtorità ġudizzjarja trid tesplora u teżamina l-fatturi kollha li jagħtu lok għall-kontributorjetà, u dan *stante* li l-kunċett tal-kolpa għandu jiġi mixtarr fl-

aspetti kollha tiegħu, inkluż jekk hemm apporzjonament ta' responsabbilità. Dan jingħad għaliex filwaqt li ħareġ ċar li mill-provi kien l-attur li naqas li jżomm *a proper lookout* huwa u miexi fit-triq, tant li mexa dritt ġol-ħofra meta ħadd mill-ħbieb tiegħu ma għamel l-istess, u dan meta jirriżulta li l-lok li kien fih kien wieħed kummerċjali u mdawwal sew, l-Ewwel Qorti ma qisitx tali fattur bħala kontributorju, tal-anqas għall-fini ta' spartizzjoni ta' responsabbilità. Inoltre l-appellant iqis li tressqu provi li juru li l-attur aggrava d-debilità permanenti tiegħu wara li waqa', u dan anke għaliex ma sarlu l-ebda ġibs mas-sieq u b'hekk wieħed għandu jixtarr jekk is-sinistru waħdu wassalx kompletament għall-debilità permanenti jew jekk kienx hemm xi fattur kontributorju ieħor, dan anke għaliex għamel ammont ta' ġranet Malta waħdu bl-użu tal-krozzi.

30. Dan jingħad għaliex wara li għamel numru ta' jiem idur waħdu mar lura l-Italja u ħass il-ħtieġa li siequ tiġi nġessata u għalhekk kien hemm trapass taż-żmien sinifikanti minn meta lewa siequ sa meta ngħata t-trattament meħtieġ. Ikkunsidrat dan, anke bil-fatt li ġie meqjus li l-attur sofra biss 1% f'diżabilità permanenti, jitqies li l-aġir tar-rikorrent ikkontribwixxa għall-permanenza tal-ħsara li sofra.

31. **L-attur** wieġeb li l-Ewwel Qorti għandha tiċħad dan l-aggravju u dan għaliex il-kontributorjetà tirreferi għal meta xi ħadd jagħmel att volontarju u jonqos li jipprevedi l-att dannuż. Meta l-Qorti tikkonsidra dan

l-inċident, ma tistax tqis li dan kien il-każ. Jargumenta li hu ma mexiex b'mod irresponsabbli meta mexa fit-triq inkwistjoni u ma jagħmilx sens li wieħed jagħmel mezz li jaqa' f'ħofra sabiex iweġġa. Jgħid li t-triq kienet mudlama u li ma setax jevita l-inċident. L-argument tal-Kunsill Lokali li l-appellat kellu jżomm *a proper lookout* kien ireġġi kieku l-attur kien jaf bil-ħofra u ma evitax il-periklu, jew li b'xi azzjoni jew omissjoni kkontribwixxa għall-periklu b'xi azzjoni irresponsabbli, imprudenti jew negliġenti. Dan ċertament ma kienx il-każ u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setgħetx taddebita l-ebda kontributorjetà f'dan is-sens lir-rikorrent appellat.

32. Inoltre jgħid li aġixxa mal-ewwel meta ra n-nefħa f'siequ u minnufih talab assistenza medika, u inoltre kien qed joqgħod f'lukanda rinomata li kienet komda. Jisħaq li hu weġġa fit-tieni jum tal-vaganza tiegħu u kellu jqatta' jum fil-lukanda, u jitlob l-għajnuna, anke jekk kellu jaqdi dawk il-ħtiġijiet neċessarji biex jinħasel, jilbes u jiekol.

33. **Din il-Qorti** ma taqbilx mal-appellant. Jitqies li fil-każ odjern ma jistax jitqies li l-attur għamel xi ħaġa barra min-norma tant li kkontribwixxa għall-waqa' tiegħu. Fuq kollox kulma għamel l-attur, li dak iż-żmien kellu 33 sena u ma kellu l-ebda problemi ta' saħħa, kien biss li niżel mill-bankina għat-triq, ħdejn il-karozza ta' sieħbu ġewwa l-Gżira, fil-qalba ta' post turistiku waqt li kien fuq btala.

34. Anqas ma tista' taqbel mal-argumenti mressqa mill-appellant, li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa sabiex jiggrava s-sitwazzjoni tiegħu. Mill-provi mressqa ma jidher li l-attur għamel xejn barra bin-norma, anzi wara l-waqa' għamel is-silġ fuq siequ, mar jistrieħ fil-lukanda u meta nduna li siequ kienet gravat, ċempel għat-tabib li bagħtu l-isptar u wara għamel xi jiem mistrieħ fil-kamra tiegħu, ħlief biex joħroġ jiekol u hemm kien juża l-krozzi. Inoltre l-espert mediku inkarigat mill-qorti ma wasal għall-ebda konklużjoni li t-trattament li ngħata lill-attur gravalu d-debilità tiegħu, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra li ġie konkluż li d-debilità permanenti tal-attur hi biss ta' 1%.

35. Tassew dawn il-Qrati, f'ċirkostanzi oħra kkonkludew li parti li tkun sofriet dannu setgħet ikkontribwiet għas-sinistru mġarrab lilha stess, eżempju, fil-kawża fl-ismijiet **Caroline Debono v. is-Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur Għawdex nomine et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Lulju 2010, meta l-attriċi daħlet fi ġnien fejn kienu qed isiru x-xogħolijiet. Madankollu din il-Qorti ma tqisx li fil-każ odjern l-attur b'xi mod ikkontribwixxa għas-sinistru mġarrab minnu. Dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

36. Permezz **tar-raba' aggravju** l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq dokumentazzjoni li ma kinitx titqies prova skont dak rikjest mil-liġi ai fini ta' kwantifikazzjoni ta' danni. Għalkemm l-Ewwel Qorti

saħqet li tali dokumenti ġew konfermati bil-ġurament mir-rikorrenti stess u li ma kienx hemm kontestazzjoni mill-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq dawn id-dokumenti u dan għaliex legalment ma jikkostitwux prova, partikolarment meta dawn kienu l-uniċi elementi allegatament evidenzjarji tad-dannu mġarrab mill-attur. Kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta qieset li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq dawn id-dokumenti u dan għaliex l-appellant ikkontesta dawn id-dokumenti, kemm meta ġew preżentati u kemm fit-trattazzjoni finali. Konsegwentement is-sentenza għandha tiġi revokata fejn jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni.

37. Kien l-obbligu tar-rikorrenti li jippreżenta d-dokumentazzjoni li tikkostitwixxi prova u li tkun debitament awtentikata, iżda minflok ressaq dokumentazzjoni mingħajr ħjiel ta' spjegazzjoni jew sinifikat dwar l-awtentiċità tagħhom.

38. **L-attur** iwieġeb li dan l-ilment ikompli mal-ewwel aggravju u fil-każ odjern, fir-rigward tad-dokumentazzjoni fiskali Taljana, kien diffiċli jitressqu rappreżentanti tal-aġenziji fiskali Taljani. Fuq kollox il-prova dwar l-introjtu ma tiddetermina xejn dwar is-sinistru jew responsabiltajiet kolpużi tal-każ. In fatti l-Ewwel Qorti ħadet stima tal-introjtu u dan għaliex li kieku l-Ewwel Qorti daħlet fid-dettall, il-kumpens likwidat kien ikun aktar. Jgħid li l-kunsill ma kkontestax id-dokumenti esebiti jew il-prospett ta' danni u li issa huwa inawdit kif qed jittenta jallega illi l-istess dokumenti

ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti tikkonkludi dak deċiż minnha. Anqas ma kellha għalfejn tiġi tradotta l-formola tat-taxxa bil-lingwa Taljana meta n-numri kienu ċari u d-dokument kien jinftiehem.

39. **L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:**

> "Damnum Emergens
>
> Il-Kunsill konvenut qed jeċċepixxi li l-attur għandu jressaq prova dwar id-danni allegatament subiti minnu. Il-Qorti tosserva li l-attur ipprezenta diversi riċevuti mar-Risposta Maħlufa tiegħu 30, xhieda tad-danni materjali li huwa sofra. Waqt ix-xhieda tiegħu fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019, l-attur ikkonferma li dawn huma vera kopja tal-oriġinali li kien għadu qed iżomm għandu. Il-Qorti tosserva wkoll li min-naħa tiegħu l-Kunsill konvenut ma kkontestax dawn iddokumenti. Imbagħad l-attur ippreżenta prospett ta' dawn id-danni 31 fejn ukoll jidher li tnaqqas dak l-ammont li huwa rċieva mingħand l-assikuratriċi tiegħu sabiex b'hekk is-somma tad-danni materjali li qed jippretendi l-attur tilħaq €1,118.08 (elf mija u tmintax-il Euro u tmien ċenteżmi). Il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet tikkunsidra li dan l-ammont għandu jitħallas lill-attur mill-Kunsill konvenut.
>
> Lucrum Cessans:
>
> F'sentenza fl-ismijiet Emmeline Cini vs. Antoine Cachia32 , il-Qorti qalet:
>
> > "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-Inkapacità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant".
>
> Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fiddiskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet Paul Debono vs. Malta Drydocks33 , ġie stabbilit illi:
>
> > "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali taghħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapacità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-

> persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja".

L-attur ippreżenta prospett ieħor fir-rigward tal-kumpens allegatament dovut lilu bħala lucrum cessans. 34 Dan il-prospett juri li d-dħul tal-attur għas-snin 2015, 2016 u 2017, liema dħul jiżdied minn €44,369 (erba' u erbgħin elf tliet mija disgha u sittin Euro) għal €185,523 (mija ħamsa u tmenin elf ħames mija tlieta u għoxrin elf Euro). Id-dokumenti annessi li huma bil-lingwa Taljana, jidhru li huma maħruġa mill-Agenzia delle Entrate u l-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-veraċità tagħhom. Għandu jingħad ukoll li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom min-naħa tal-Kunsill konvenut. Wara li l-Qorti kkunsidrat li l-attur ma ressaq l-ebda prova ulterjuri dwar l-introjtu tiegħu fl-aħħar sentejn, jiġifieri kemm jekk dan kompla jiżdied kif ukoll jekk naqas mill-ammont indikat għas-sena 2017, għall-fini ta' kalkolu tad-danni dovuta lilu bħala lucrum cessans, tieħu bħala d-dħul rilevanti l-medja talintrojtu tat-tliet snin, jigifieri €117,722.33 (mija u sbatax-il elf seba' mija tnejn u għoxrin Euro tlieta u tletin ċenteżmu). Għandu jingħad li l-pretensjoni talattur għaż-żieda fl-ammont tal-introjtu maħduma proporzjonalment maż-żieda tal-inflazzjoni fl-Italja, ma tistax tintlaqa' għaliex f'kull każ għandhom jiġu addottati r-rati taż-żieda tal-inflazzjoni hawn Malta fejn proprju seħħ l-inċident u allura skont il-liġi fejn twieldet il-pretensjoni tal-attur. Madankollu l-Qorti tqies li fil-każ odjern iż-żieda fl-introjtu tal-attur ma kinitx marbuta maż-żieda fl-għoli tal-ħajja iżda minħabba l-fatt li minn avukat indipendenti huwa ssieħeb ma' ditta legali. 35 Għalhekk ma tikkunsidrax li ż-żieda fl-għoli tal-ħajja hija rilevanti hawnhekk.

Huwa ġeneralment aċċettat li bħala regola għal persuna tal-età ta' tlieta u tletin (33) sena, jiġifieri l-età tal-attur fid-data meta seħħ l-inċident, il-multiplier li għandu jiġi addottat huwa ta' 27, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs. Edward u Lydia konjugi Restall36 , il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal

ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler vs Heard, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu".

Issa l-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras wasal għall-konklużjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' 1%. 37 Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju u taddotta perċentwali aktar għoli kif suġġerit mill-attur.

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (lump sum payment). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok ghal tali tnaqqis. Il-kawża giet ippreżentata fis-sena 2017 minkejja li l-inċident kien seħħ fl-2015, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €117,722.33 x multiplier ta' 27 x 1% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €31,785.03 li meta ridotta b'20% (lump sum payment), twassal għas-somma ta' €25,428.02 (ħamsa u għoxrin elf erba' mija tmienja u għoxrin Euro u żewġ ċenteżmi). Huwa dan il-lucrum cessans li ser jiġi likwidat mill-Qorti".

40. **Il-Qorti rat li l-attur** ippreżenta nota fejn spjega l-ispejjeż li għamel f'*damnum emergens*[5] u rat ukoll kopji ta' rċevuti. Rat ukoll li ppreżenta dokumentazzjoni rigward il-paga tiegħu. Rat ukoll il-kontroeżami tal-attur[6] u li waqt ix-xhieda tiegħu kkonferma li l-irċevuti li ppreżenta mar-rikors ġuramentat u permezz tan-nota huma kopja ta' dawk oriġinali.

[5] *Fol.* 163.
[6] *Fol.* 210 *et seq.*

41. Għalkemm strettament kellhom jiġu preżentati dokumenti oriġinali jew awtentikati però l-attur ikkonferma bil-ġurament li huma kopji tal-oriġinal u offra li jippreżenta l-oriġinal jekk mitlub. L-appellant ma insistiex fuq il-produzzjoni tal-oriġinal u għalhekk il-Qorti ma għandhiex tiskarta l-prova bħala inattendibbli.

42. Anki l-argument li wieħed mid-dokumenti huwa bit-Taljan ftit ireġġi u dan għaliex mill-atti joħroġ li diversi kontroeżamijiet saru bil-lingwa Taljana, inkluż mid-difensur tal-appellant stess. Ma tqisx li issa għandu jkun hemm xi kwistjoni biex jinftiehem dokument, kif fil-fatt jidher li ma kienx hemm, bil-lingwa li ġiet utilizzata fil-mori tal-proċeduri. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

***Decide***

43. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu. Spejjeż kontra l-Kunsill Lokali Gżira.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm